**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 77

**5 ta' Diċembru, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Matthew Dimech – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 77.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**77.1.1** **Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.**

### 77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**77.2.1** **Is-Sindku ressaq il-minuti tas-Seduta 76 għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezjoni. Il-Kunsill qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.**

### 77.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;

**77.3.1** **Is-Sindku ressaq l-Iskeda tal-Pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni.**

**77.3.2** **Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv irrimarka illi l-*istatement of account* mal-*accountant* tal-Kunsill imur lura sentejn. Il-Kunsill innota li ma kienx infurmat illi dawn il-ħlasijiet ma kienux qed isiru jew jitressqu għall-approvazzjoni.**

**Il-Kunsill qabel illi jitħallsu l-pendenzi minnufih, speċjalment, u ġa la darba, ser niffirmaw kuntratt ġdid għal dan is-servizz.**

**77.3.3** **Il-Kunsillier F Roe propona l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti. Il-Viċl Sindku R Portelli issekonda. Il-Kunsill approva l-Iskeda tal-pagamenti tal-kontijiet.**

### 77.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**77.4.1** **Il-Kunsill iddiskuta d-data ta' meta ser isir il-festin annwali tal-Milied għall-anzjani. Intgħazlet id-data tas-Sibt 15 ta' Diċembru 2018.**

### 77.5 Petizjoni tal-Block E1;

**77.5.1** **Is-Sindku qal li hekk kif kien ġie approvat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, ġew mistiedna r-raprezentanti tal-petizjoni tal-Block E1 sabiex jispjegaw lilhom nfushom aħjar dwar il-petizjoni tagħhom.**

**77.5.2** **Is-seduta ġiet mwaqqfa sabiex issir diskussjoni mar-residenti.Ħin: 18.30. Is-seduta kompliet. Ħin: 18.50.**

77.5.3 L Cachia Castelletti irrimarkat illi ma kienx hawn qbil illi ir-residenti jiġu mistiedna għal din il-laqgħa. G Muscat ssekonda. Is-Sindku qal li bil-kontra, din ġiet diskussa u anke approvata fl-aħħar laqgħa. Il-Kunsillier L Cachia Castelletti u l-Kunsillier G Muscat sostnew li din ma ġietx approvata, u filfatt konna għadna niddiskutu min għandu jiġi mistieden. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qara silta tal-minuta tas-Seduta 76, fejn wera li din l-istedina toħrog mill-Minuti li għadhom kif ġew approvati.

L Cachia Castelletti u G Muscat sostnew illi tali tneħħija ta' *green area* ser toħloq preċedent. Huma qalu illi għalkemm l-ilmenti jistgħu ikunu ġustifikati, dan ma jnaqqasx mir-responsabbilta tal-Kunsill illi jieħu ħsieb din l-*green area* aħjar. Huma innotaw li dawn l-ilmenti qamu meta l-Kunsill kien qiegħed mingħajr kuntrattur tal-*green areas*. Is-Sindku u R Portelli ma qablux. Huma qalu li aħna qegħdin hawn biex naqdu x-xewqat tar-residenti.

Is-Sindku talab lil L Cachia Castelletti biex sal-laqgħa li jmiss iġġib ideat u stimi ta' *fence* kif hi qegħda ssemmi, li biha tista tiġi ndawwru din il-*green area* sabiex l-annimali ma jħammġux fiha u ma tkunx ta' aktar skomdu lir-residenti.

## 77.6 Rapport Evalwazzjoni *Tender* – Servizz ta' *Accountant* għall-Kunsill Lokali;

77.6.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qara r-rapport tal-Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel li jgħati l-kuntratt lill-kumpanija *GMM & Associates (Malta) Ltd*. għall-valur ta' €11,520 u dan peress illi l-offerta tagħhom hija l-irħas waħda illi tilħaq il-kriterji stabbiliti fid-dokument tat-*tender*.

## 77.7 Planning Authority – Triq il-Maskli;

77.7.1 Is-Sindku qal li wasal ilment dwar applikazzjoni ta' zvilupp bin-numru PA 10374/18. Il-Kunsill qabel li jqabbad perit jiprepara is-sottomissjonijiet tekniċi dwar din l-applikazzjoni.

## 77.8 Risorsi Umani;

77.8.1 Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa kien innutat min dan il-Kunsill illi l-*full timers* tal-Kunsill issa qed jirkibhom ix-xogħol. Is-Sindku qal illi prezentament, sabiex tizdied l-effiċjenza tas-servizzi tal-Kunsill hekk kif ukoll tingħata għajnuna lill-istaff tal-Kunsill, qiegħed jirrakkomanda li jiġi ingaġġat *environmental officer*. Ix-xogħol ta' din il-persuna ser ikun li jieħu ħsieb dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ambjent tal-lokalita', hekk kif ukoll ikun *contracts manager* tal-kuntratti tas-servizzi tal-Kunsill relatati mal-ambjent fosthom tal-Ġonna, Skart u Knis.

77.8.2 Il-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet, u jidher illi l-irħas waħda taqa taħt il-livell tad-*direct order*. Għaldaqstant s-Sindku rrakkomanda illi tintgħazel l-offerta tas-Sur Michael Calleja. Il-Kunsill qabel, bil-patt illi

**77.9** **dan jiġi ingaġġat sa Gunju 2019, u wara dan jerġa jkun hemm evalwazzjoni tas-servizz u sejħa oħra għall-kwotazzjonijiet.**

**77.9.1** **Avvenimenti għaz-zmien tal-Milied;**

**Is-Sindku qal li huwa jemmen li għanda ssir attivita' għal zmien il-Milied fil-fetħa fejn il-funtana tat-tmun. Huwa ressaq kwotazzjoni mingħand l-organizzatur Noel Castillo sabiex jintrama palk f'din il-fetħa, hekk kif ukoll ikun hemm kant u zfin b'tema tal-Milied.**

**Il-Kunsill qabel li tiġi organizzata din l-attivita'. Il-Kunsill iddiskuta ukoll li jkollu jsir parti mill-pagament, jekk l-attivita' titħassar fl-aħħar minuta minħabba l-maltemp.**

**Il-Kunsill awgura li din l-attivita' tintlaqa tajjeb min dawk li jkunu forsi waħedhom f'darhom f'dawn iz-zminijiet tal-festi.**

**77.10.1** ***Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

**77.10.1** **Ma kienx hemm *items* oħra ta' xogħol**

**77.11** **Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tlieta 22 ta' Jannar, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.**

**77.11.1** **Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum 22 ta' Jannar 2019.**

**IFFIRMATA___**
**Max Zammit**
**Sindku**

**_IFFIRMATA______**
**Matthew Dimech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**